15 ta' Ottubru 2016

**Okkażjoni tal-iffirmar tal-Heads of Agreement bejn il-Gvern ta' Malta u BirdLife Malta għas-Salini**

**Diskors minn Mark Sultana, CEO ta' BirdLife Malta**

Onorevoli Ministru Mizzi, Onorevoli Ministru Herrera, mistiedna distinti, kollegi u ħbieb

Illum hija ġurnata oħra importanti u storika għal BirdLife Malta. Prinċipalment għaliex qegħdin naraw turija ta' fiduċja kbira mill-Gvern sabiex nimmaniġġjaw dan is-sit tas-Salini. Din il-fiduċja napprezzawha u nilqgħuha bir-responsabbiltà kollha li ġġib magħha.

Kif rajtu fil-filmat, din mhix l-ewwel riserva naturali li se titħalla f'idejn BirdLife Malta sabiex l-ambjent naturali f'dawn is-siti jieħu prijorità, filwaqt li titgawda mill-pubbliku, speċjalment mit-tfal tal-iskola. Ir-riservi tal-Għadira u tas-Simar huma postijiet li fihom il-pubbliku jista' jgawdi l-ambjent naturali u josserva l-pjanti u l-ħlejjaq, partikolarment l-għasafar, fl-ambjent naturali tagħhom.

Għandna pajjiż sabiħ ħafna anke jekk l-ambjent naturali huwa limitat. Madwar 33% ta' pajjiżna huwa mibni; l-ogħla fl-Ewropa u tliet darbiet aktar mill-pajjiż fit-tieni post, il-Belġju. Il-ftit ambjent naturali li għandna rridu nieħdu ħsiebu u nipproteġuh. Dan huwa obbligu li għandna lkoll kemm aħna bħala poplu u wisq aktar bħala Gvern. Irridu nkomplu naħdmu sabiex il-kuxjenza ambjentali f'dan il-pajjiż tibqa' tikber u tiżdied.

Kulħadd jaf li BirdLife Malta qatt ma qagħdet lura milli tikkritika lill-Gvern, entitajiet tiegħu jew anke intrapriżi kummerċjali, meta ħasset li kien hemm il-bżonn. Qatt ma qgħadna lura milli npoġġu l-importanza tal-ambjent naturali ta' pajjiżna fuq l-aġenda nazzjonali. Kif qatt ma qgħadna lura lanqas milli naħdmu id f'id mal-gvern sabiex l-obbligi ambjentali ta' pajjiżna nilħquhom flimkien. U fl-aħħar nett qatt ma qgħadna lura milli nilqgħu sfidi u proġetti li l-għan aħħari

tagħhom hu l-ħarsien tal-ambjent naturali ta’ Malta u Għawdex għall-benefiċċju tal-ġid komuni.

Dan kollu nwiegħdu li nibqgħu nagħmluh.

Nirringrazzja lill-Gvern li għal darba oħra qiegħed juri fiduċja f’BirdLife Malta u nitolbu jibqa’ juża l-kompetenzi ta’ għaqdiet nongovernattivi, bħall-BirdLife, kull meta jkun hemm bżonn.

Nixtieq nirringrazzja lil ħafna nies fosthom lis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima s-Sur Joe Caruana u lis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura s-Sur Christopher Cutajar, lid-Direttur Ġenerali fis-Segretarjat Parlamentari għall-Fondi Ewropej u l-Presidenza tal-Unjoni Ewropea fl-2017 is-Sur Raphael Scerri, lis-Sur James Grech Project Manager fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru flimkien ma’ diversi uffiċjali oħra fi ħdan dawn il-ministeri.

U naturalment nirringrazzja lill-Ministru Joe Mizzi, lill-Ministru Dr Josè Herrera u lis-Segretarju Parlamentari Dr Ian Borg.

Ippermettuli wkoll nirringrazzja lit-tim ta’ ħaddiema u voluntieri ta’ BirdLife Malta.

Nikkonkludi billi nesprimi t-tama u nappella lill-Gvern biex jara li l-importanza lill-ambjent naturali tibda toħroġ ’il barra mill-konfini tar-riservi naturali u tinfirex mal-pajjiż kollu sabiex inrawmu kultura ta’ ħarsien u rispett lejn il-ħlejjaq u l-ħabitat li jgħixu fihom. Grazzi.

**TMIEM**